**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Numru: 303/18 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-21 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewwgu f'Malta nhar it-Tlieta ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (03/08/2002) fil-Knisja ta' Santa Marija Assunta taz-Zellieqa, il-Gharghur u dana skond certifikat ta' zwieg numru elf, mija u tlieta u ghoxrin tas-sena elfejn u tnejn (1123/2002).
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied u cioe' C li twieled fil-21 ta' Mejju, 2004 u D li twieldet fit-18 ta' Ottubru, 2007.
3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Tonio Cauchi tas-6 ta' Settembru, 2013, li kopja tieghu tinstab hawn unita u mmarkata Dok. A.

4. Illi l-partijiet kienu qablu li l-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri C u D tibqa' kongunta bejniethom, b'dana pero' li l-istess tfal minuri jghixu ma' ommhom bi dritt ta' access ghall-missierhom l-esponent.
5. Illi l-esponenti A obbliga ruhu li jipprovdi u fil-fatt ghadu jipprovdi adekwatament ghall-manteniment ta' uliedu minuri C u D (Ara Artikolu (c) tad-Dok. A anness.
6. Illi l-partijiet kienu ddekadew irrevokabilment mid-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Artikolu 5 (b) tad-Dokument A anness).
7. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk aktar minn erba' snin separati u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum huma ghandhom hajja totalment separati minn xulxin.
8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-kontendenti li kien gie celebrat fit-tlieta ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li eccepixxa:-

1. Illi l-premessi bin-numru wiehed (1) sa erbgha (4) m'huwiex qedghin jigu kontestati.
2. Illi fir-rigward tal-premess numru hamsa (5), ghalkemm jinsab qbil illi r-rikorrent u cioe' A obbliga ruhu li jipprovdi ghall-manteniment ta' uliedu minuri C u D skond l-Artikolu 5 (c) tal-kuntratt ta' separazzjoni, ippubblikat min-Nutar Dr. Tonio Cauchi tas-6 ta' Settembru, 2013 (liema kuntratt gie anness u mmarkat bhala Dokument A mar-rikors tar-rikorrent), l-istess Artikolu m'huwiex qieghed jigi osservat mir-rikorrent.
3. Illi l-premessi bin-numru sitta (6) u sebgha (7) m'humiex qedghin jigu kkontestati.

4. Illi in vista tas-suespost, il-premessa numru tmienja (8) qedgha tigi kkontestata abbazi tal-fatt li l-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mhumiex soddisfatti kollha.
5. Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti ghandha d-dritt, skond l-Artikolu 66D (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi topponi t-talba tar-rikorrent billi tipprova illi r-rikorrent naqas milli jhares l-obbligu tieghu illi jipprovdi ghall-manteniment ta' uliedu u billi tistabilixxi illi kieku t-talba tieghu kellha in fatti tigi milqugha, ser tkun iktar difficli ghaliha li tottjeni l-manteniment dovut ghall-uliedha.
6. Illi minghajr pregudizzju ghall-opposizzjoni tal-esponenti illi z-zwieg tal-partijiet ma jigix mahlul abbazi tal-fatt illi kieku kellu jigi mahlul, ser tkun aktar difficli ghall-esponenti li tottjeni l-manteniment dovut ghal uliedha, in vista tal-inadempjenza tar-rikorrent illi jhares l-obbligu tieghu illi jipprovdi ghall-manteniment ta' uliedu minuri C u D, ikun ghaqli illi din l-Onorabbli Qorti tordna illi l-hlas tal-manteniment mir-rikorrent jigi zgurat b'garanzija xierqa u ragjonevoli skond l-Artikolu 66(3) tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna:-

1. Tichad it-talba tar-rikorrent, u cioe' A, li jigi mahlul iz-zwieg tal-partijiet, abbazi tal-fatt illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mhumiex soddisfatti kollha senjatament is-subinciz (c) tal-istess Artikolu li jirrigwarda l-manteniment dovut, hekk kif ir-rikorrent qieghed jonqos milli jhares l-obbligu kkuntrattat minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni.
2. Minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, tichad it-talba tar-rikorrent li jigi mahlul iz-zwieg tal-partijiet, abbazi tal-fatt illi l-istess rikorrent naqas milli jhallas il-manteniment dovut, kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni, kif ukoll abbazi tal-fatt li kemm il-darba t-talba ghad-divorzju kellha tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti, ser tkun aktar difficili ghall-esponenti li tikseb il-hlas tal-manteniment u dan skond l-Artikolu 66D (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, u gialdarba din l-Onorabbli Qorti, xorta wahda joghgobha tilqa' t-talba tar-rikorrent sabiex jigi mahlul iz-zwieg tal-partijiet, in vista tal-inadempjenza tar-rikorrent illi jhares l-obbligu tieghu illi jipprovdi ghall-

manteniment ta' uliedu minuri C u D, tordna illi l-hlas tal-manteniment mir-rikorrent jigi zgurat b' garanzija xierqa u ragjonevoli skond l-Artikolu 66 (3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-intimata ddikjarat li l-manteniment kien thallas kollu u ghalhekk ma kinitx qed toggezzjoni ghat-talbiet attrici.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi, ilhom isseparati legalment b'kuntratt fl-att tan-Nutar Dr. Tonio Cauchi tas-6 ta' Settembru, 2013.

Illi minkejja li l-intimata eccepiet illi r-rekwiziti ghall-hall taz-zwieg taht l-Artikolu 66 ma setghux jigu soddisfatti peress li kien hemm arretrati ta' hlas ta' manteniment, ikkonfermat li dawn kienu thallsu u ghalhekk jirrizulta li ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment u r-rikorrenti rnexxielu jissoddisfa dan ir-rekwizit.

Illi gie ppruvat ukoll li ma kienx jezisti c-cans ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqgħu bla taxxa.

**Imħallef**

**Deputat Registratur**